# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1925/01/1**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**VRC Telecoms Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm60.38 (sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) rapprezentanti diversi servizzi ta' approvazzjoni ta' tip dwar it-taghmir tat-telekommunikazzjonijiet bejn it-3 ta' Settembru 1998 u t-30 ta' April 2001.

Is-socjeta konvenuta naqset li thallas is-somma ta' Lm60.38 (sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avvizi Legali 219 u 220 ta' l-1998) u

dan nonostante li giet interpellata taghmel dan permezz ta' ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Dicembru 2001 u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm60.38 (sittin lira Maltin u tmienja u tletin centezmu) dovuti ghal servizi resi. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**